DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2019/1613

tal-25 ta' Settembru 2019

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (ATALANTA/3/2019)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]) (Atalanta), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ("Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE").

(2) Fit-30 ta' Lulju 2018, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1083 ([2]) ħatret lill-Viċi Ammirall Antonio MARTORELL LACAVE bħala l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE mid-29 ta' Marzu 2019.

(3) L-Awtoritajiet Militari Spanjoli pproponew li l-Maġġur Ġeneral Antonio PLANELLS PALAU jieħu post il-Viċi Ammirall Antonio MARTORELL LACAVE bħala l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

(4) Fil-5 ta' Settembru 2019, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa n-nomina tal-Maġġur Ġenerali Antonio PLANELLS PALAU bħala l-Kmandant Operazzjonali tal-EUNAVFOR Operation Atalanta mill-1 ta' Ottubru 2019.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Maġġur Ġeneral Antonio PLANELLS PALAU huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja, mill-1 ta' Ottubru 2019.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2019.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2019.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

S. FROM-EMMESBERGER

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1083 tat-30 ta' Lulju 2018 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (ĠU L 194, 31.7.2018, p. 142).